MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 29/2004

Kawza fil-lista: 35

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Marzu 1988 kif jindika ic-certifikat anness bhala Dokument "A";

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra; Art 19(1)(b) Kap 255;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga Art 19(1)(c) Kapp 255;

Peress illi l-kunsens kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art 19(1)(d) Kap 255;

Peress illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg Art 19(1)(f) Kap 255;

Peress illi wahda mill-partijiet ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg Art 19(1)(h) Kap 255;

Peress illi tul l-gherusija ta' tlett snin il-partijiet ftit li xejn kienu jiltaqghu u sa jumejn wara z-zwieg l-attrici kellha tkellem Qassis peress li indunat li l-konvenut kellu apatija lejha, ma kienx qed jaghti kasha u kien aktar mohhu li jinnavika fil-hobbu tieghu konness mal-elettronika – radio, televisions u computers. Din il-problema baqghet tikber. Il-konvenut qatt ma assuma l-obbligi taz-zwieg.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Marzu 1988 huwa null ai termini tal-Art 19 (1)(b)(c)(d)(f)(h) tal-kap 255 tal-ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti hu validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fis-26 ta’ Marzu 1988 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [b][c][d][f] u [h] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet zzewwgu fis-26 ta’ Marzu 1988 meta l-attrici kellha 32 sena u l-konvenut kellu 31 sena, u wara li kienu ilhom circa 3 snin gharajjes. Minn dan iz-zwieg twiledu zewgt it-tfal. L-attrici tahdem bhala ghalliem, u l-konvenut jahdem ta’ techincian fl-eletronika.

Mill-provi jidher car li iz-zwieg bejn il-kontendenti ma huwiex wiehed felici principalment minhabba inkompatibbilita’ ta’ karattru, kif ukoll minhabba egoismu u nuqqas ta’ komprensjoni bejn il-konjugi. Fl-affidavits u fix-xhieda taghhom il-partijiet jimputaw lil xuxlin diversi nuqqasijiet, bhal per ezempju, nuqqas ta’ rispett u affezzjoni, karattru dominanti u litigjuz. L-attrici takkuza lill-konvenut li huwa bniedem riservat, aggressiv, dominanti, ghazzien, egoist u li ghandu apatija sesswali fil-konfront taghha; filwaqt li l-konvenut minn naha tieghu jghid li l-attrici hija dominanti, impulsiva u litigjuza. Akkuzi reciproci ta’ attributi li kumuluttivament jistghu iservu ta’

bazi ghal separazzjoni personali, izda, fil-kunstest ta’ dan il-kaz, mhux ghall-annullament taz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

F’ dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li onus probandi ei qui dicit non ei qui negat, u konformament ma’ dan il-principju kardinali f’ materja ta’ prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. Multo magis f’ kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita’ tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006].* Fil-kaz in disamina l-attrici li qeda titlob l-annullament, sabiex tirnexxi fl-azzjoni tieghu, ghandha l-obbligu li tipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-capita nullitatis fuq indikati, jew wiehed minnhom.

*Diskrezzjoni ta’ Gudizzju*

Illi rigward it-tielet kawzali, l-attrici isostni li l-kunsens kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *“App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.” *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Din il-kapacita’ li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attrici jew il-konvenut kienu inkapacitati minn difett serju ta’ diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat. Mill-provi rrizulta li qabel ma zzewgu dawn kienu ilhom gharajjes circa tlett snin.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien circa 3 snin qabel iz-zwieg. Jirrizulta manifest li l-qabel iz-zwieg dawn kienu jafu lil xulxin. It-tnejn kemm huma kienu konxji sew tal-posizzjonijiet rispettivi taghhom, l-attrici kellha 32 sena u ghandha l-professjoni ta’ ghalliem, filwaqt li l-konvenut kellu 31 sena u kien jahdem bhala technician fl-eletronika liema xoghol necessarjament jinvolvi sighat twal quddiem il-computer. Huwa minnu li,

parti jew it-tnejn kemm huma, jidher li ghandhom karattru difficli jew li ma jaqblux ma xulxin, izda ma hemm xejn fil-provi li jindika li dawna kienu jbati minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Il-fatt allegat tan-nuqqas ta' discretio judicii kellu jigi pprovat mill-attrici, u fil-fehma tal-Qorti din il-prova tirrizulta lampantament mankanti. Certament il-fatt li persuna jkollha d-difetti, jew ahjar karatterstici negattivi, fil-personalita' taghha allegati mill-attrici, ma jwasslux ghall-maturita' ta' dan il-caput nullitatis.

*Anomalija psikologika*

Illi t-tieni parti tal-paragrafu [d] li fuqha hija bazata t-tielet kawzali ta' l-attrici tezigi l-prova ta' anomalija psikologika da parti ta' parti li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif jirrizulta mid-dicitura ta' l-istess ligi, mhux kull anomalija psikologika riskontrata f' parti necessarjament twassal ghan-nullita' taz-zwieg, imma trid tkun tali li jew minhabba n-natura taghha jew minhabba il-grad taghha, jew minhabba dawn iz-zewg fatturi meqjusin flimkien, jaghmluha impossibbli ghal parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg li jifformaw s-substrat ta' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Il-Qorti tosserva li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova l-fatti kostitwenti dan il-caput nullitatis. Huwa minnu li dina esebiet rapport ta' psikologa, li gie kontestat mill-konvenut tant li permezz ta' rikors talab l-isfilz tieghu, izda din il-Qorti, ghalkemm thoss li mhux il-kaz li jigi sfilzat dan ir-rapport li huwa wiehed ta' natura ex parte, tosserva li dan gie mfassal unikament fuq il-versjoni moghtija lil psikologa mill-attrici minghajr ma sar ezami tal-konvenut. Di fatti dan jirrizulta mill-kontenut tar-rapport stess il-fejn il-psikologa ghamlitha cara li " …. I have not spoken myself [sic] ta' Mr. B" u li hi strahet unikament fuq dak li kienet irrakontatilha l-attrici. Fil-fatt kif jirrizulta minn qari tal-parti konkluzjonali, ir-rapport ma jaghtix opinjoni professjonali cara u definittiva fuq il-konvenut, imma jghid biss x' tip ta' "assessment" ghandu jsir dwar il-kapacitajiet tieghu.

Ghaldaqstant il-valur probatorju ta’ dan ir-rapport huwa negligibbli.

F’ dan ir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni li, nonostante li dan ir-rapport ex parte jinsab kontestat mill-konvenut li minn naha tieghu ma kienx wiegeb ghas-sejha tal-psikologa biex hu jigi ezaminat minnha, l-attrici ma hassitx il-htiega li titlob il-hatra ta’ espert indipendenti f’ dawn il-proceduri fejn allura l-konvenut kien ikun occorrendo kostrett li jattendi, imma deherilha li kellha tistrieh fuq rapport tekniku bazat fuq fatti kif esposti minnha stess.

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-provi f’ dan ir-rigward ma jissodisfawx il-vot tal-ligi.

*Eskluzjoni Pozittiva*
Hija applikabbli ghal kaz l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel Schembri deciza 9.04.2003* fis-sens li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizutaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta’ l-annullament.

Dan japplika wkoll ghar-raba kawzali ta’ l-attrici bazata fuq il-kontenut tal-para.[f] tal-Art.19[1] li jikkontempla l-kaz ta’ vizzju ta’ kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002,* is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens

matrimonjali, izda internament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa’ dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat. Ghalhekk sabiex l-attrici tirnexxi f’ din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b’ att posittiv tal-volonta’ taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Jinghad mill-ewwel li mill-provi ma jirrizultax li din il-kawzali treggi fil-konfront ta’ l-konvenut. It-tesi ta’ l-attrici li l-konvenut kien jevita’ li jkollu x’ jaqsam maghha hija michuda mill-istess konvenut, u l-fatti jimmilitaw kontra din it-tesi stante li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal, apparti miz-zewg micarriages li sofriet l-attrici.

Illi rigward l-ewwel, it-tieni u l-hames kawzali, bazati rispettivament fuq il-kontenut tal-paragrafi [b][c] u [h] jirrizulta manifest li dawn mhumiex sostnuti mill-provi. Di fatti mill-provi ma rrizultax li l-attrici kkommettiet xi zball fl-identita’ tal-parti li zzewget, cioe’ il-konvenut; kif ukoll ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu kien priv mis-setghat intellettwali jew rieda bizzejjed biex jaghti l-kunsens ghaz-zwieg.

Jinghad ukoll li ma gie prattikat ebda qerq fuq l-attrici dwar xi kwalita’ fil-konvenut li fixkelet serjament il-hajja mizzewga. Kif ritenut fil-gurisprudenza “Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta’ moral substitution li kif spjegat mill-awturi din tissussisti when the quality is [1] an inherent proprety of the person, and not some isolated

past action; [2] present at the time of the wedding; [3] grave, either objectively or subjectively; [4] unknown to the other party; [5] fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent; [6] lastly, the quality must provoke a crisis on discovery, as otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial" [Wrenn – "Annullment"] *[App. Louis Agius vs Georgia Agius – 19.10.1988* Dan l-insenjament bazat fuq id-dritt kanoniku gie addottat ukoll fil-kawza *PA[PS] Stephen Sciberras vs Avk.Francesco Depasquale – 9.12.2002]*; u fil-kawza *App.C. Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27 ta' Jannar 2006* fejn dik l-Onorabbli Qorti approvat l-osservazzjoni segwenti maghmula mill-Prim Awla li Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba affarijiet: [1] il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq tkun incida fuq il-kunsens tal-partijiet; [3] li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

*Konsiderazzjonijiet ulterjuri*

In konkluzjoni ghandu jinghad li f' kazijiet bhal dawk in disamina, il-Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi ghandha tkun kawta u timxi b' cirkospezzjoni; u ghandha necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha, u taghtihom il-piz li hu normalment mistenni f' sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament, dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.

Ghax kif sewwa ritenut "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom

[kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. *[App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987*, citata b' approvazzjoni *PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]*

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhux gustifikata la fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------